MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 445/2003

**One Production Limited**

**Vs**

**Karl Bonaci f'ismu propju u f'isem is-socjeta' Bonaci Media Entertainment Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-konvenut pro et noe akkwista minghand is-socjeta' attrici *airtime* sabiex il-konvenut pro et noe jipproduci u jxandar programmi televisivi;

Premess illi s-socjeta' attrici esegwit fl-intier taghha il-parti taghha tal-ftehim mal-konvenut pro et noe, cioe il-

programmi gew fil-fatt prodotti u trasmessi mill-istess konvenut pro et noe;

Premess illi llum il-konvenut pro et noe jinsab debitur tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ hamest elef disa’ mija u tnax lira Maltin u hamsin centezmu (Lm5, 912.50) versu l-import ta’ zewg kambjali mhux imhallsa u li skadew fit-30 ta’ Novembru, 2002 u fil-31 ta’ Dicembru, 2002, skond kif murija fuq prospetti annessi u mmarkati Dokument OPL1.

Premess illi ghalkemm il-konvenut pro et noe gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu baqghu inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici, l-konvenut pro et noe m’ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta’ dan id-debitu;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tipprocedi s-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167-170 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara lill-konvenuti pro et noe bhala debituri tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ hamest elef disa mija u tnax lira Maltin u hamsin centezmu (Lm5,912.50) versu l-import ta’ zewg kambjali mhux imhallsa u li skadew fit-30 ta’ Novembru, 2002 u fil-31 ta’ Dicembru, 2002, skond kif murija fuq prospetti annessi u mmarkati dokument OPL1;

3. Tikkundanna lill-konvenuti pro et noe jhallsu s-somma ta’ hamest elef disa’ mija u tnax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm5,912.50) versu l-import ta’ zewg kambjali mhux imhallsa u li skadew fit-30 ta’ Novembru, 2002 u fil-31 ta’ Dicembru, 2002, skond kif murija fuq prospetti annessi u mmarkati Dokument OPL1;

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat l-affidavit ta’ Renald Dalli u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejjah tliet darbiet lanqas ma deher hadd.

Rat in-nota tal-lum fejn is-socjeta’ attrici rriduciet l-ammont dovut ghal elfejn disa’ mija sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,956.25).

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif ridotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smieghtal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici Tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tiddeciedi billi tilqa’ ttalba tas-socjeta’ attrici kif ridotta ghal-amont ta’ elfejn disa’ mija sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------